# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Jannar, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 984/01mm**

**Rausi Co Ltd**

**vs**

**Neville Mallia**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u wiehed u sebghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,571.73) bilanc ta' prezz akbar, prezz ta' prodotti mibjugha u ikkonsenjati lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 26 ta' Settembru, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-17 ta' Jannar, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Deputat Registratur